**10 ta' Mejju, 1962**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

John Mary Ellul et.

*versus*

Antonia Fenech

**Azzjoni Dikjaratorja — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 909 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni dikjaratorja, diretta biex min hu kjamat għal ereditá jiġi mogħti żmien biex jiddikjara jekk jaċċettax jew le dik l-ereditá, tispetta biss lil min ikun aċċetta l-istess ereditá.*

*Min jiġi azzjonat biex jagħmel dikjarazzjoni simili ma jistgħax jallega li hu ma għandux ikun obligat jagħmel din id-dikja-*

*razzjoni qabel ma tiġi deċiża kwistjoni li hija nvoluta fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-istess eredità; għax dik il-kwistjoni trid tiġi riżoluta u deċiża wara, u mhux qabel ma huwa jiddeċidi jekk jaċċettax o meno l-eredità.*

*Billi l-benefiċċju tal-azzjoni dikjaratorja huwa akkordat għall-vantaġġ ta' min jitlob l-istess dikjarazzjoni, l-ispejjeż tal-kawża li ssir biex min hu msejjaħ għall-eredità jiġi kundannat jagħmel dik id-dikjarazzjoni fi żmien li timponilu l-Qorti ma għandux ibatihom kollha l-konvenut li jiġi azzjonat biex jiġi lilu mpost dak it-terminu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jippremettu illi fl-4 ta' Ġunju 1948 u fis-26 ta' April 1952 mietu rispettivament Gio Maria Ellul u martu Carmela Ellul; u illi l-konvenuta hija waħda mill-eredi jew kjamati għall-eredità tal-imsemmija Gio Maria u Carmela konjuġi Ellul, u l-istess konvenuta għadha ma tridx tiddikjara jekk taċċettax jew tirrinunzjax għall-imsemmija ereditajiet, kif jidher mill-atti tal-kawża "Luigi Ellul et. vs. Riccardo Farrugia ne. et" (ċitazzjoni numru 500/53CC) pendenti quddiem din il-Qorti, u li għaliha qegħda ssir riferenza; u illi huma, bħala wlied u suċċessuri ta' Luigi Ellul (eredi ieħor tal-imsemmija konjuġi Ellul u parti fl-imsemmija kawża) għandhom interess li jkunu jafu jekk il-konvenuta taċċettax jew le l-imsemmijin ereditajiet; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, din il-Qorti tagħti lill-konvenut żmien (fit-termini tal-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili) ta' xahar biex tiddikjara jekk hija taċċettax l-imsemmija ereditajiet tal-konjuġi Gio Maria u Carmela Ellul, jew tirrinunzjax għalihom. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mill-atti tal-kawża ndikata fiċ-ċitazzjoni, li għaliha saret riferenza, il-konvenuta, bħala waħda mill-ħamest itfal ta' Gio Maria Ellul mit-tieni żwieġ tiegħu ma' Carmela neè Ciantar, hija kjamata għall-eredità tal-

imsemmijin ġenituri tagħhom Gio Maria u Carmela ġa konjuġi Ellul;

Illi mill-atti tal-istess kawża jirriżulta li, bħal ma jingħad fiċ-ċitazzjoni, l-atturi huma wlied u suċċessuri ta' Luigi Ellul, ħu l-konvenuta, wieħed mill-ħamest itfal ġa msemmija, u huma parti fl-istess kawża, billi dak il-ġudizzju, in kwantu kien jirrigwarda lill-missierhom, in segwitu għall-mewt ta' dan ġie trasfuż fil-persuna tagħhom; kif ukoll li għandhom interess ikunu jafu jekk il-konvenuta tridx jew le taċċetta l-ereditajiet indikati fiċ-ċitazzjoni, billi n-nuqqas s'issa, da parti tagħha, li tiddikjara taċċettax dawk l-ereditajiet jew tirrinunzjax għalihom, huwa wieħed mill-ostakoli għad-diviżjoni bejn l-eredi jew suċċessuri tagħhom tal-beni li jidhru jiffurmaw l-istess ereditajiet;

Illi, kif jevinċi minn nota tal-eċċezzjonijiet tagħha, il-konvenuta tissottometti li skond il-liġi l-azzjoni ntentata mill-atturi tingħata lil min għandu nteress jagħmilha, u ma jidherx li l-atturi għandhom interess jippromwovu din il-kawża, billi ma jidherx li huma aċċettaw l-eredità ta' missierhom, kif ukoll li ma għandux jiġi lilha mpost terminu qabel ma tiġi deċiża l-kwistjoni minnha ndikata fl-istess nota tal-eċċeżżjonijiet. Din l-aħħar sottomissjoni l-konvenuta ġa għamlitha fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha fil-kawża l-oħra msemmija, u fil-kors tal-istess kawża;

Dawn is-sottomissjonijiet tal-konvenuta mhumiex sostenibbli; l-ewwel waħda, għaliex l-atturi aċċettaw l-eredità ta' Luigi Ellul, missierhom, kif jirriżulta minn dak li ġie verbalizzat fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 1962, u iżjed speċifikatament u regolarment minn nota tagħhom preżentata fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 1962 (dok. A fol. 8); it-tieni waħda, fost raġunijiet oħra, għaliex il-kwistjoni msemmija mill-konvenuta hija waħda minn dawk intimament involuti fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-ereditajiet imsemmijin formanti l-meritu tal-kawża l-oħra, li, kif ingħad, ma tistgħax tiġi definita qabel ma l-konvenuta tkun għamlet id-dikjarazzjoni voluta mill-atturi, u kwindi l-istess kwistjoni trid tiġi riżoluta jew deċiża wara, u mhux

qabel ma l-konvenuta tiddikjara taċċettax o meno l-ereditajiet imsemmija;

Illi għalhekk id-domanda tal-atturi hija ġustifikata;

Illi rigward l-ispejjeż għandu jingħad li hija ġurisprudenza kostanti li l-benefiċċju akkordat bid-dispożizzjoni talart. 909 tal-Kodiċi Ċivili huwa għall-vantaġġ ta' min jitolbu, u għalhekk f'istanza simili l-ispejjeż relattivi ma għandhiex tbatihom kollha l-konvenuta (Vol. XXVIII-II-492);

**Għal dawn il-motivi;**

**Tiddeċidi skond id-domanda, billi tagħti lill-konvenuta ż-żmien ta' xahar biex tiddikjara jekk taċċettax l-ereditajiet imsemmija ta' Gio Maria u Carmela ġa konjuġi Ellul, jew tirrinunzjax għalihom. L-ispejjeż jibqgħu bejn il-kontendenti mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru a kariku tal-atturi.**